# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 444/2014**

Il-Pulizija

vs

**Glenn Borg**

iben Vincent, imwieled Pieta',  fit-28 ta' Gunju, 1977, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 356377(M)

Illum 13 ta' Novembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Glenn Borg quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fid-29 ta' Diċembru 2013 huwa:

1. Saq vettura li ma' kellliex liċenzja għat-triq;
2. Saq vettura mingħajr polza assikurattiva dwar riskji għat-terzi persuni;
3. Għamel użu minn pjanċa 'Trial RN334' bi ksur tal-kundizzjonijiet imposti fuq il-pjanċa;

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tiġi skwalifikata milli tieħu jew ikollha ebda liċenzja tas-sewqan għal perjodu taż-żmien ta' mhux anqas minn tnax –il xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 t'Ottubru, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 36A, Avizz Legali 368.02, sabet lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u mmultatu multa komplessiva ta' €2,400 u ssospenditlu l-liċenzja tas-sewqan għal żmien sena millum u ordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jeleva mingħand l-akkużat il-liċenzja tas-sewqan minnufih b'dan illi dina għandha tiġi ritornata lill-akkużat wara li jkun skada it-terminu tas-sospensjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Glenn Borg minnu ppreżentat fis-7 ta' Novembru, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tiddikjara nulla s-sentenza appellata u dan skond dak eċċepit fl-ewwel aggravju hawn fuq propost u tordna s-smiegħ mill-ġdid tal-każ jew alternattivament tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata li biha ġie misjub ħati skond l-akkużi miġjuba kontrih u li biha ġie kkundannat multa ta' €2,400 u ġie sospiż milli jkollu liċenzja tas-sewqan għall-żmien sena u minflok tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok is-sentenza appellata hija nulla l-għaliex ma' tikkwotax l-artikoli kollha tal-Liġi li tagħhom kienet qed tinstab ħtija, anzi in effetti a rigward tat-tielet akkuża tabilħaq jiġi kwotat artikolu ghal kollox erronju.

2. Illi mingħajr pregudizzju, l-esponent ma' setgħa qatt jiġi misjub ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni peress illi dawn ma' rriżultawx. In effetti mill-provi prodotti rriżulta illi l-vettura minnu misjuqa kienet kemm debitament liċenzjata kif ukoll assigurata. Għall-kjarezza, mal-preżenti rikors qed tiġi annessa bħala Dok. GB kopja tal-polza assikurattiva relattiva li l-oriġinal tagħha kien gja ġie muri lill-Ewwel Qorti minn fejn jirriżulta manifestament illi l-assikurazzjoni maħruġa kienet waħda li tkopri 24 kuljum inkluż Ħdud u festi. Illi konsegwentment ma' setgħa qatt fiċ-ċirkostanzi tal-każ ikun hemm sejbien ta' ħtija dwar l-ewwel żewġ imputazzjonijiet.

3. Illi lanqas ma' setgħa l-imputat jiġi misjub ħati tat-tielet imputazzjoni u dan peress illi minkejja illi huwa minnu li l-pjanċi 'trial run' kienu qed jintużaw jum il-Ħadd, xorta jibqa' l-fatt illi l-prosekuzzjoni naqset mili ġġib l-prova li l-esponent ma' kellu eba permess speċjali tal-awtorita tat-trasport sabiex hekk jagħmel kif inidklat fl-artikolu 36 sub-inċiż 8 tal-S.L. 368.02

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2016 l-appellant informa l-Qorti li mhux qed jinsisti fuq l-ewwel aggravju, qed jirtira t-tielet aggravju iżda qed iżomm ferm mat-tieni aggravju.

Illi fit-tieni aggravju l-appellant qed isostni li :

1) L-ewwel żewġ akkużi ma setawx jirriżultaw stante li l-vettura kienet kemm liċenzjata u kif ukoll assigurata u din il-prova ġiet prodotta quddiem l-Ewwel Qorti.
2) Illi l-assikurazzjoni maħruġa kienet tkopri l-24 siegħu kuljum inkluż il-Ħadd u festi.

Illi din il-Qorti fliet l-atti u jidher ampjament ċar illi d-dokument li juri li l-appellant kien effettivament kopert b'assigurazzjoni fuq it-Trial Run Plate No. TR 334 jinstab a fol 8 u 9 tal-proċess. Apparti li huwa speċifikament imniżżel fl-istess dokument li huwa kopert fuq it-Trial Run Plate Number TR 334 inklużi *weekends* u festi pubbliċi, din tirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Kirsten Coppola li taħdem mal-MAPFRE Middlesea Insurance u hija Supervisor fuq il-Motor u Personal Life Insurance fejn ikkonfermat li l-appellant huwa dealer u li fuq it-Trial Run Plate No. TR 334 huwa assigurat '*fully comprehensive u l-polza tkoprih twenty four, seven (24/7)*. Inoltre, hija kkonfermat illi kull karozza li fuqha titqiegħed din it-Trial plate partikolari, l-karozza hija assigurata awtomatikament iġifieri għalkemm il-karozza li kien qed isuq kellha l-pjanċa b'numru barrani, l-fatt li kellu t-Trial Run Plate imwaħħla kienet awtomatikament koperta b'assigurazzjoni.

In kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuża fejn ġie akkużat li saq vettura li ma kellhiex liċenzja għat-triq

L-Artikolu 36 (1) tal-L.S. 368.02 li jirrigwarda Reġistrazzjoni u Liċenżjar ta' vetturi bil-mutur jgħid is-segwenti:

*36. (1) L-Awtorità tista' toħroġ, lil negozjanti awtorizzati, pjanċi 'Trial Run', għal perjodu ta' sena, għal vetturi bil-mutur li* ***jkunu għadhom ma ġewx reġistrati*** *u* ***<u>ma jkunux għadhom ngħataw liċenza</u>****, mal-ħlas lill-Awtorità ta' dritt ta' ħamsin euro (€50) u tiġi ppreżentata l-liċenza biex persuna tagħmilha ta' negozjant maħruġa taħt ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija:*

Għaldaqstant huwa ovvju li l-karozza li kien qed isuq l-appellant bit-Trial Run Plates ma kellhiex liċenza biex tinstaq fit-triq għax it-Trial Run plates qegħdin hemm biex ikopru l-karozzi li jkunu għadhom ma ġewx reġistrati u ma jkunux għadhom ingħataw liċenza.

Għal din ir-raġuni l-Ewwel u t-tieni akkuża ma jistawx jirriżultaw u għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi milqugħ.

Inkwantu jirrigwarda t-tielet akkuża u cioe' li akkużat li għamel użu tal-pjanċi Trial Run billi kiser il-kundizzjonijiet li hemm imposta fl-użu tal-pjanċi . Irriżulta li kien qed isuq bl-użu tal-pjanċi Trial Run il-Ħadd u għalkemm kien kopert b'assigurazzjoni, l-liġi hija ċara fuq dan il-punt stante li L-Artikolu 36 (8) tal-L.S. 368.02 li jirrigwarda Reġistrazzjoni u Liċenżjar ta' vetturi bil-mutur jgħid is-segwenti:

(8) *Pjanċi 'Trial Run' ma għandhomx jintużaw fil-Ħdud jew festi pubbliċi jekk mhux awtorizzati b'mod speċjali mill-Awtorità.*

Għaldaqstant tikkonferma l-ħtija fuq din l-akkuża.

Għal dawn ir-raġunijiet, tilqa' l-appell ta' Glenn Borg limitatament nkwantu jirrigwarda l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuża. Tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti billi tħassar u tirrevoka

l-multa ta’ elfejn u erbgħa mitt Ewro (2,400) u s-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal żmien sena ghal dak li jirrigwarda l-ewwel u it-tieni akkuza u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena. Tikkonferma l-ħtija għat-tielet (3) akkuża u tikkundannah ghal hlas ta’ multa multa ta’ ħamsa u tletin ( €35)